



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2013/2081(INI)

27.6.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika
Estera u ta' Sigurtà Komuni fl-2012
(2013/2081(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nadezhda Neynsky

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota li fl-2011 l-eżitu tal-baġit tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) kien ta' EUR 332 miljun, jew 3,54 % tal-appropriazzjoniet totali tal-intestatura 4; jieħu nota li sa Diċembru 2012 l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament disponibbli għal din il-politika kienet ta' 93,12 %; għadu mħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-mandati għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo u l-missjoni ta' monitoraġġ fil-Ġeorġja għall-perjodu 2012-2013 ġġeddu mill-Kunsill b'baġit aktar baxx minn dak mistenni;
2. Iwissi, fid-dawl tar-rata ta' implimentazzjoni tajba ġenerali, kontra qtugħ mhux ġustifikat lill-baġit tal-PESK fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2014-2020 li kieku jipperikola l-effikaċja u l-impatt ta' din il-politika;
3. Għadu mħasseb dwar il-problemi biex jinbdeu il-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), bħal pereżempju d-dewmien fl-ippjanar u l-attivazzjoni, in-nuqqas ta' persunal, l-ippjanar finanzjarju u d-diffikultajiet ta' implimentazzjoni, il-kwistjonijiet dwar l-istatus tal-ftehimiet tal-PESK ma' pajjiżi terzi u d-diffikultajiet tal-bidu; jirrikjedi li jinholq mekkaniżmu ta' segwitu li jiżgura li dawn il-problemi rikorrenti jiġu indirizzati flimkien;
4. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-iskrutinju parlamentari tal-baġit tal-PESK, it-trasparenza tal-baġit u l-użu tal-mekkaniżmu Athena għall-operazzjonijiet tal-PSDK; jilqa' l-isforzi biex issir analiżi fid-dettall ċara tal-partiti kollha ffinanzjati mill-baġit tal-PESK, inkluż għal kull operazzjoni tal-PSDK, għal kull rappreżentant speċjali tal-UE u għal kull politika oħra relatata, sakemm din ma tneħħi xejn mill-flessibilità u r-reattività meħtieġa tal-PESK; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-ammont totali tal-infiq operattiv tal-PESK għandu jiddaħħal kompletament f'kapitolu baġitarju wieħed, intitolat PESK, u jitqassam bejn l-artikoli tal-baġit tal-PESK;
5. Ifakkar fl-importanza li jinħolqu sinerġiji u jkun evitat irduppar bejn politiki eżistenti u inizjattivi ġodda, u jilqa' l-isforzi biex jiġu promossi s-sinerġiji ċivili militari u l-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-PESK. hu tal-fehma li, sabiex tkun konsistenti mal-valuri proprji tal-UE, il-politika estera u l-azzjoni esterna tal-UE jridu jagħtu indikazzjoni ċara tal-istrumenti u l-allokazzjonijiet finanzjarji li għandhom jintużaw fir-rigward ta' kull waħda mill-prijoritajiet tal-UE dwar il-bini tal-paċi, il-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat ta' dritt, il-governanza tajba u s-soċjetajiet ġusti; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-Istrument għall-Istabilità bħala għodda strateġika tal-UE għall-indirizzar ta' għadd ta' sfidi marbuta mas-sigurtà u l-iżvilupp globali;
6. Jisħaq fuq il-bżonn li jsir użu mill-flessibilità msaħħa pprovduta mir-regolament finanzjarju l-ġdid u li titħaffef il-provvista ta' għajjnuna f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u f'sitwazzjonijiet ta' periklu imminenti jew immedjat bit-theddida ta' eskalazzjoni f'kunflitt armat jew ta' destabilizzazzjoni ta' pajjiż, waqt li tingħata prijetà għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi, fejn intervent bikri tal-Unjoni jkun ta' importanza kbira għall-

promozzjoni tal-prevenzjoni ta' kunflitt;

7. Jistieden f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni tippreżenta, f'konformità mal-Artikolu 54(2), atti delegati rigward ir-regoli dettaljati għall-finanzjament ta' miżuri preparatorji fil-qasam tal-PESK.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.6.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Giovanni La Via, Claudio Morganti, Jan Mulder, Dominique Riquet, Alda Sousa, Helga Trüpel, Derek Vaughan
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Stavrakakis